# LI KIEKU...

CHARLES CLEWS



Meta fil-11 ta' Novembru, 1918, ġie ffirmat l-Armistizju bejn l-alleati u l-Ġermanja, wara erba' snin ta' ħidma kontinwa, it-Tarzna Navali ta' Malta sabet li ma kienx għad għandha bżonn dawk in-nies kollha meħtieġa għall-*War Effort,* kif isejħulu l-Ingliżi, u bdew anke jingħataw is-sensji.

Kienu bosta l-ħaddiema Bormliżi li anke jekk mhux mogħtija s-sensja raw li l-prospetti fit-Tarzna xejn ma kienu sbieħ. U bosta kienu emigraw, l-iżjed lejn l-Istati Uniti, li kienu għadhom ma mponewx il-famuża 'quota'. U fil-festa li għaddiet, waqt ir-riċeviment li sar tradizzjonali qabel il-festa fil-Każin San Ġorġ, għaddieli naqra ta' ħsieb.

Bdejt ngħid, mur ġib lil uħud minn dawk li ilhom neqsin snin kbar minn Malta, anzi minn Bormla, kieku jiġu l-lum u jaraw il-festa kbira li ssir fil-Belt Cospicua, u jqabbluha ma' ta' żmienhom, qabel il-gwerra, jew wara l-Ewwel Gwerra (1914-1918).

Il-knisja parrokkjali minn dejjem kienet imżejna u mogħnija b'teżori, iżda jaraw żgur differenza, kbira wkoll! Mill-wwel għandu jolqothom il-portiku

RENJOS STORE

St. Paul's Church Area, Cospicua

for all kinds of FROZEN FOODS
including ravioli, shrimps and fresh octopus

RENJOS STORE for all your family needs

maestuż, kif tidħol mill-bieb maġġur, opra sabiħa, sinjura, imponenti. Jaraw il-paviment sabiħ li ta arja ġdida, imdawla lill-knisja kollha. Imbagħad wieħed jibqa' dieħel u għandu jitpaxxa bin-niċċa sabieħa, glorjuża tal-Vara tal-Kunċizzjoni.

U jekk jidħol fil-fond iżjed, għandu jiġi mogħti ferm tagħrif dwar dettalji oħra, li fi żmienu ma kenux jeżistu.

Imbagħad jekk wara l-Quddiesa Solenni Kantata tal-festa joħroġ barra fit-triq u jħares lejn l-armar li jkollna mat-toroq kollha ta' Bormla, li kull sena jiżdied mhux biss fil-kwantità iżda anke fil-kwalità, kwalità artistika, li kull sena nisimgħu kummenti dejjem sbieħ fuqu, jiskanta.

Jekk jinżel fi Pjazza Paolino Vassallo, jara kif, b'dawk iż-żewġ statwi u armar ieħor, din il-Pjazza tkun tgħaxxqek, kemm bin-nhar u kważi iżjed bil-lejl. U jistaqsi fejn hu dak il-bini li kien jagħlaq dan il-misraħ qisu f'kamra?



*Pjazza Paolino Vassallo (is-Suq il-Qadim) kif kienet sal-gwerra. L-okkażjoni qrib il-festa hija dimostrazzjoni lill-Papa Piju X f'Novembru 1911.*

Jitla' x-Xgħira u jara t-triq li minnha tgħaddi l-Istatwa tal-Madonna, wiesgħa, sabiħa, flok dik in-niżla dejqa dejqa, li kellna qabel, u li kien jaf hu.

U x'igħid imbagħad waqt il-proċessjoni, fil-għaxija.

Il-lum toħroġ aktar tard milli kien jafha hu, u żgur! U jara dawk it-toroq

mixgħula bid-dawl elettriku, dija sabiħa, kullimkien, dik it-telgħa tal-Knisja u s-siġar imdawla ta' quddiem il-Każin San Ġorġ.

Il-Każin San Ġorġ, għidna: flok il-każin l-antik li kien jaf qrib iċ-Ċinema Rialto. Jarah hemm maestuż, imponenti, bini għalih waħdu, jiddomina Pjazza Paolino Vassallo, b'dak l-arblu bil-bandiera sabiħa, kbira tperper fuqu.

U quddiemu, faċċata, ma jarax iżjed dak il-ħajt għoli, iswed, imdallam tat-Tarzna, iżda ħajt baxx bis-siġar quddiemu li ta arja u nifs ieħor lill-pjazza.

Jara dik il-biċċa ta' taħt il-knisja, li f'parti minnha kont tilħaq iż-żewġ ħitan jekk tiftaħ dirgħajk, issa ma għadhiex hemm, fejn f'kull jum il-festa kienet tinqala' rassa tal-biża', jekk mhux ukoll xi argumenti! Qegħdin ngħidu fejn nafuh b'fejn Sant'Andrija.

U xi ngħidu għan-nar? Żgur li qatt ma kien ra dawk il-Kaxxi infernali, il-logħob tan-nar ta' l-art fi Pjazza Paolino Vassallo, dak in-nar sabiħ tax-Xgħira - u l-murtali!

U dan il-bniedem fittizju, li nqisuh għandu issa żmien sewwa, għandna nifhmu li jkollu bilfors xi ftit nostalġija. Iżda n-nostalġija hija qarrieqa, u tfakkrek biss, igħidu, l-affarijiet sbieħ. Iżda dan il-bniedem, jekk iħares lejn Bormla fil-festa l-lum u jqabbilha ma' ta' żmienu, ejja ngħidu qabel il-Gwerra ta' l-1939-45, għandu żgur jgħaddilu l-ħsieb minn moħħu, li mhux dejjem hija vera, minnha, il-massima li... IL-PROGRESS RIGRESS. Altru!


**SILVIO HOUSEHOLD**

***(Gauda)***

**Dealers in**
**Chandeliers, Silverware, Oil Paintings**
**and other sorts of Gifts.**

**Showroom Fgura**

**Shop 4, Block 8, Cospicua**
**Tel: 675783**



*Dehra ta' kif kienet fl-antik Pjazza Paolino Vassallo, is-Suq il-Qadim - fejn illum hemm il-ħwienet ta' Pavia u Caruana.*



*L-istatwa ta' Sant'Andrija u kien kienet Triq ix-Xatt ta' Bormla, taħt iz-zuntier 'l hawn mill-ħanut ta' Galea Sluta.*


**La Buona Pasta**

**Marina Street,**
**Marsascala Seafront**